MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Numru. 43/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Daniel Cordina, ta’ 27 sena, bin Carmenu u Theresa nee’ Camilleri,**
**imwieled Rabat, nhar il-04 ta’ Frar, 1982, residenti fil-fond numru St. Rita, Colage Street, Zebbug, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita’ bin-numru 6582(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Daniel Cordina li gie akkuzat talli nhar it-22 ta’ Gunju, 2009, ghal habta tal-hamsa u hamsa ta’ wara nofsinhar (1705hrs) u granet ta’

qabel gewwa Triq ix-Xatt, Ghajnsielem, u fi bnadi ohra f'Ghawdex:

a) Sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz billi bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni KBL134 fuq vettura tat-tip Derbi billi wahhal dawn in-numri ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Ukoll talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni KBL134 fuq vettura tat-tip Derbi ai termini ta-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, saq vettura tat-tip Derbi, meta n-numri tar-registrazzjoni kien KBL134 li kienu jappertjenu ghal vettura ohra, minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta' l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess mutur minghajr ma kellu licenzja specifikata biex isuq l-imsemmi mutur, u b'hekk ma kienx kopert b'polza tal-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21, u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap 65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) Ukoll talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu hekk gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw , u cioe' numru tar-registrazzjoni falz ta' vettura jaqra KBL134 maghmul fuq il-plastik;
e) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, sabiex jiksbu xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru tar-

registrazzjoni falz ta' vettura jaqra KBL134 maghmul fuq il-plastik;

f) U talli fl-istess data, hin, lok u cirkontanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru tar-registrazzjoni falz ta' vettura jaqra KBL134 maghmul fuq il-plastik;

g) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta;

h) Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap 65 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-17 ta' Mejju, 2010 sabiex dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat li giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikunsidra l-istess;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali kwazi nadifa tal-imputat, l-ammissjoni bikrija, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 123(2) tal-L.S.65.11, kif ukoll Artikolu 17, 18, 21, 31 tal-Avviz Legali 128 tal-1994, issibu hati tal-akkuzi izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Il-Qorti qeghda wkoll tiskwalifika lill-hati milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------